31985L0327

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tat-12 ta' Ġunju 1985
li temenda d-Direttiva 77/99/KEE fuq problemi tas-saħħa li jaffettwaw il-kummerċ intra-Komunitarju fil-prodotti tal-laħam

(85/327/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43 u 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali [3],

Billi l-esperjenza wriet il-bżonn li jkun semplifikat il-Kapitolu II(16) ta' l-Anness A tad-Direttiva 77/99/KEE [4], kif l-aħħar emendata mid-Direttiva 81/476/KEE [5];

Billi l-Kapitolu II(17) ta' l-Anness A tad-Direttiva 77/99/KEE jipprovdi partikolarment li għandu jkun meħtieġ ċertifikat mediku ta' kull persuna li taħdem fuq laħam frisk jew prodotti tal-laħam u li ċ-ċertifikat għandu jiġġedded kull sena;

Billi jidher meħtieġ li tkun adattata d-dispożizzjoni fil-kwistjoni fid-dawl ta' l-esperjenza,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

Id-Direttiva 77/99/KEE hija b'dan emendata kif ġej:

1. It-tieni sottoparagrafu ta' l-Artikolu 22 huwa mħassar.

2. Il-Kapitolu II(16) u (17) ta' l-Anness A huwa mibdul b'dan li ġej:

"16. Kull persuna li tista' tkun sors possibbli ta' kontaminazzjoni, partikolarment permezz ta' aġenti patoġeni, għandha tkun projbita milli taħdem ma jew tqandel laħam frisk jew prodotti tal-laħam.

17. Kull persuna impjegata biex taħdem ma' jew tqandel laħam frisk jew prodotti tal-laħam tkun meħtieġa li turi ċertifikat mediku li m'hemm l-ebda impediment għal dak l-impjieg. Iċ-ċertifikat mediku għandu jiġġedded kull sena, kemm-il darba skema oħra ta' *check-up* mediku għall-persunal toffri garanziji ekwivalenti rikonoxxuti skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 19."

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1986.

Għandhom jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni minnufih.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fil-Lussemburgu, fit-12 ta' Ġunju 1985.

Għall-Kunsill

Il-President

C. DEGAN

---

(1) ĠU C 179, tas-7.7.1984, p. 9.
(2) ĠU C 46, tat-18.2.1985, p. 94.
(3) ĠU C 44, tal-15.2.1985, p. 7.
(4) ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 85.
(5) ĠU L 186, tat-8.7.1981, p. 20.